MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 93/2003

**Vertex Vending Services Limited**

**Vs**

**Ray Abela f'ismu propju u ghan-nom ta' T.C.T.C. Limited**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' Lm210.50c (mitejn u ghaxar liri Maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' Absec Card reader u PVC Bump Cards li l-prezz totali taghhom kien Lm471.50c (erba' mija u wiehed u sebghin lira Maltin u hamsin centezmu).

Il-konvenuti hallsu s-somma ta' Lm261.00c (mitejn u wiehed u sittin lira Maltin) u baqalhom bilanc ta' Lm210.50c (mitejn u ghaxar liri Maltin u hamsin centezmu).

Il-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu dan il-bilanc, izda baqghu ma hallsux.

Ra li l-konvenuti baqghu kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------